MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Marzu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-Pubbliku li n-negozjant segwenti:

**Christian Zammit – CMZ Woodworks**

kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur li sal-lum għadha ma ġietx osservata minkejja diversi tentattivi li saru sabiex tinkiseb il-konformità magħha.

Permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, l-intimat ġie ordnat, in solidum, sabiex iħallas lura s-somma mħallsa, li tirrappreżenta depożitu fir-rigward ta' bibien interni tal-injam li ġew imħallsa, iżda li ma ġewx konsenjati jew installati. It-Tribunal ordna wkoll li l-ispejjeż ikunu a' karrigu tal-intimat skont il-liġi.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjoni tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)